MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 27** **8 ta' Ottubru 2021**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta, 8 ta' Ottubru 2021 fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Keoron Bruno – Viċi Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

Frederick Aquilina – Kunsillier

Victor Caruana – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Maria Magri - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

ĦADD

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

**26.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 26**

**Is-Sindku John Schembri** talab l-approvazzjoni tal-Minuti 26, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 26 ġew approvati b'mod unanimu.

**26.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

26.2.1 Is-Sindku John Schembri nfurma li nħarġet it-tender għall-Patching and Resurfacing of Roads and construction of pavements for the locality of Ħal Luqa.

26.2.2 Is-Sindku John Schembri nfurma li nħarġet is-sejħa għal Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali Ħal Luqa.

26.2.3 Is-Sindku nfurma li l-Kunsill applika għall-iSkema Finanzjarja maħruġa mir-Reġjun Nofsinhar, fejn se jkun qed isir kuntatt mal-baned sabiex tittella' attivita' kulturali, li x'aktar tkun kunċert mużikali.

26.2.4 Is-Sindku nfurma li bejn l-aħħar ġimgħa ta' Ottubru u l-ewwel ġimgħa ta' Novembru se ssir ħarġa għall-anzjani fl-Esplora l-Kalkara. Din l-attivita' qed issir bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru, li se jkun qed jipprovdi l-entrance fee free of charge u min jattendi se jħallas biss għat-transport.

26.2.5 Is-Sindku nfurma li mit-Tnejn 18 ta' Ottubru se jinbeda x-xogħol ta' resurfacing ta' Triq il-Ġdida, minn Infrastructure Malta.

**25.3 Komunikat mill-Kunsilliera**

25.3.1 Il-Kunsillier Victor Caruana ġibed l-attenzjoni dwar l-ispazju fil-letrina l-ġdida fi Triq Dun Pawl, fejn jidher li m'hemmx biżżejjed spazju biex isiru s-sinkijiet. Is-Sindku nfurma li kollox qed isir skont l-istruzzjonijiet tal-Perit.

25.3.2 Il-Kunsillier Eric Camilleri nfurma li fir-rigward tal-attivita' tal-Milied, li mistennija ssir bil-kollaborazzjoni tar-Reġjun Nofsinhar, jidher li l-Banda Unjoni qed tħejji kunċert tal-Milied u l-Banda Sant'Andrija lesta torganizza attivita' ukoll. Il-Kunsillier Eric Camilleri propona li l-ħlas ta' € 500 lil kull soċjeta'.

25.3.3 Il-Kunsillier Eric Camilleri propona li bil-kollaborazzjoni tal-għaqdiet mużikali jintramaw l-arbli fil-pjazez ta' quddiem il-każini rispettivi u l-Kunsill iżżejjed bid-dwal.

25.3.4 Il-Kunsillier Maria Magri nfurmat li r-Reġjun Nofsinhar niedha skema għat-tiżjin ta' toroq fil-Milied u ssuġġeriet li l-Kunsill iressaq l-expression of interest. Il-Kunsill approva.

25.3.5 Il-Kunsillier Eric Camilleri nfurma li l-pjanti għall-proġett fiz-zona ta' Ħal Farruġ tlestew u l-Ministeru se jkunu qed jgħaddu l-pjanti in 2D għall-attenzjoni tal-Kunsill.

25.3.6 Il-Kunsillier Victor Caruana ġibed l-attenzjoni dwar ħruġ ta' permessi fi Triq id-9 t'April, issa li nbeda x-xogħol fi Triq il-Ġdida. Dan għall-fatt li jaf jinħoloq kaos sħiħ ta' traffiku.

25.3.7 Il-Kunsillier Frederick Aquilina nfurma li l-attivita' mill-istudenti tal-Mediċina se tinżamm il-Ħadd 17 ta' Ottubru.

25.3.8 Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab li ssir ittra lil tal-ħwienet sabiex jagħmel kuntatt ma' GreenMT sabiex jidħlu fl-iskema tal-ġbir tal-kartun.

## 25.4 Skeda ta' Ħlasijiet

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.45p.m. u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa, 18 ta' Novembru fil-5.30p.m.

Konfermati, llum il-Ħamis, 18 ta' Novembru '21

John Schembri
Sindku

Karen Camilleri
Deputat Segretarju Eżekuttiv